97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 62/2026 tar-Raba' Amministrazzjoni

Datalt-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2026

Ħin: 17:00

Bdiet: 17:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President		Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku		Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku		Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku		Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku		Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku		Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku		Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku		Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku		Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku		Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku		Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku		Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Segretarju Eżekuttiv	Deputat	Reġjun Port	Preżenti

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

62. 1 Ittri ta' Apoloġija

62.1.1 Il-President semma li s-Sur John Boxall, is-Sur Joseph Abela Galea u s-Sur Jason Silvio, talbu sabiex ikunu skużati. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina dawn tniżlu bħala skużati.

62.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.61

62.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 61 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Olaf McKay, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

62.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 53

62.3.1 Fuq proposta tal-President, intalbet l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti Nru. 53, b'nefqa totali ta' €359,343.38 għall-perjodu bejn il-15 ta' Mejju 2026 u t-22 ta' Ġunju 2026. Il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Olaf McKay u s-Sur Clayton Cascun Portelli u ġiet approvata mill-Kumitat.

62.4 Komunikazzjoni mill-President

62.4.1 Il-President fakkar fiċ-ċirkulari maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li permezz tagħha s-Sindki u l-Kunsilliera ġew mistiedna jattendu l-Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni. Huwa enfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva tal-kunsilli lokali f'din il-laqgħa, peress li ser jiġu diskussi suġġetti ta' importanza għall-gvern lokali u għall-ħidma tal-kunsilli lokali fil-komunitajiet tagħhom.

62.4.2 Il-President fakkar li nhar is-26 ta' Ġunju ser tittella' attività fil-Belt tal-Isla bħala parti mill-programm **Regional Mosaic**, u ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu u jagħtu s-sehem tagħhom f'din l-inizjattiva reġjonali li tkompli tippromwovi l-kollaborazzjoni u l-parteċipazzjoni bejn il-kunsilli lokali fir-reġjun.

62.4.3 Il-President semma li, għat-tieni sena konsekuttiva, ir-Reġjun ser ikun qed jiffinanzja l-parteċipazzjoni tas-Sindku jew ta' rappreżentant elett minn kull Kunsill Lokali **fil-European Week of Regions and Cities ġewwa Brussel**, bil-għan li jissaħħu l-opportunitajiet ta' tagħlim, netwerking u skambju ta' esperjenzi fil-livell Ewropew, filwaqt li jkompli jissaħħaħ il-profil tar-Reġjun u tal-kunsilli lokali fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej.

62.4.4 Il-President informa lill-membri li bħalissa qed tiġi kkoordinata attività ta' integrazzjoni fil-Birgu b'kollaborazzjoni mat-Tim tal-Cohesion tal-Korp tal-Pulizija u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa spjega li din l-inizjattiva għandha l-għan li tkompli ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali, tippromwovi l-inklużjoni u trawwem relazzjonijiet pożittivi bejn il-komunitajiet differenti li jgħixu fil-lokalità. Qed tkun pjanata li ssir fl-4 ta' Settembru 2026 imma għad jonqos il-konferma tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

97, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

62.4.5 Is-Sindku tal-Kunsill Lokali Fgura, is-Sur Clayton Portelli Cascun, informa lill-President li kien għadu kif irċieva notifika li, minħabba li l-Kunsill Lokali ma kienx qed jingħata servizz ta' tindif mill-Cleansing and Maintenance Division għall-knis relatat mal-festa, il-kunsill kien mitlub iħallas is-somma ta' €11,000 sabiex dan is-servizz jitwettaq.

62.4.6 Il-President informa lill-membri dwar il-progress tal-proġett **Arts in Common**, u nnota li filwaqt li ma' diversi kunsilli lokali l-implimentazzjoni kienet għaddejja b'andament tajjeb u skont il-pjan, ma' kunsilli oħra l-proċess kien għadu wieqaf. Huwa ħeġġeġ lill-kunsilli konċernati sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet pendenti u jkomplu javvanzaw fl-implimentazzjoni tal-proġett sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-iskadenzi stabbilit

62.4.7 Il-President ippreżenta żewġ proposti li r-Reġjun kien irċieva għall-finanzjament ta' attivitajiet kulturali, waħda relatata ma' **Festival tal-Korijiet fil-Milied** u oħra għal **Festival ta' Mużika Sagra tal-Orgni**. Huwa spjega li ż-żewġ inizjattivi kienu jeħtieġu finanzjament li b'kollox kien jammonta għal madwar €15,000.

Wara diskussjoni, il-membri qablu li r-Reġjun ma jiffinanzjax dawn l-attivitajiet, filwaqt li ġie nnutat li l-fondi reġjonali għandhom jibqgħu ffukati fuq il-prijoritajiet u l-programm ta' ħidma approvat għas-sena.

62.4.8 Is-Sur Marco Agius daħal għal-laqgħa fis-6.00 p.m.

62.7 Komunikazzjoni mill-President

62.7.1 Il-President informa lill-membri li r-Reġjun ser jerġa' japplika għall-**President's Fund for Creativity**, bil-għan li jkompli jakkwista finanzjament għal inizjattivi kulturali u kreattivi li jkunu ta' benefiċċju għall-komunitajiet kollha fir-reġjun.

62.8 Aġġornament

62.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sitta ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2026 fil-16:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv